MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 490/2007

**Falcom Limited (C - 7839)**

**-vs-**

**Netcom Limited (C - 23381)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€3,382.67c) - (Lm1,452.18c) liema somma tirrapprezenta prezz ta' merkanzija u servizzi moghtija lis-socjetà konvenuta mis-socjetà attrici. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 22 ta' Marzu, 2007 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjetà konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€3,382.67c) - (Lm1,452.18c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------